VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,546, 15 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 78 tal-2016

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu d-Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 1.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (IV) *Fungibility Issue*, u

(b) 2.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2036 (I) *Fungibility Issue*, jew

(ċ) f'ammonti miż-żewġ *Stocks* fuq imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Euro 50,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm stabbilit fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fl-11 ta' Lulju, 2016 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(1), kull ammont allokat skont il-1.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (IV) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

(3) Fis-17 ta' Mejju, 2016 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(2), kull ammont allokat skont it-2.5% *Stock* tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Gvern ta' Malta 2036 (I) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 50,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont sa massimu ta' Euro 30,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 0.75 għal kull Euro 100, tal-1.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-11 ta' Jannar u fil-11 ta' Lulju ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*.

L-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax li jkopri il-perjodu bejn l-4 ta' April, 2016 u l-10 ta' Lulju, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) isir fil-11 ta' Lulju, 2016.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.25 għal kull Euro 100, tat-2.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2036 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-17 ta' Mejju u fis-17 ta' Novembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*.

L-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax li jkopri il-perjodu bejn 1-4 ta' April, 2016 u s-16 ta' Mejju, 2016 (iż-żewġ dati inklużi) isir fis-17 ta' Mejju, 2016.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) Il-1.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (IV) jinfeda b'parità fil-11 ta' Lulju, 2022.

(2) It-2.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2036 (I) jinfeda b'parità fis-17 ta' Novembru, 2036.